ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-361 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-360 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar meta kien ser jitkompla x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq G. Agius Muscat. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol kien ser jitkompla fil-jiem li ġejjin u r-residenti kienu se jiġu nfurmati.

Is-Sur Buttigieg staqsa meta ser issir il-grada tal-ħadid madwar il-monument ta' G Agius Muscat fi Triq is-Santwarju. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-grada ser tiġi ordnata fi żmien qasir.

Is-Sinjura Calleja saħqet dwar l-importanza li kemm jista' ikun malajr jitpoġġew *bins* tal-klieb fi Triq l-Iskola.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għan-Nisa u Tfal. Is-Sinjura Calleja spjegat li ħafna mill-proposti tas-Sotto Kumitat kien jolqtu Sotto Kumitati oħra u għalhekk hi kienet lesta taħdem magħhom. Is-Sinjura Calleja pproponiet illi s-Sotto Kumitat għan-Nisa u Tfal

jibda jissejjaħ Sotto Kumitat għall-Familja. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

Rigward it-taħdita li għandha ssir biex titqajjem kuxjenza dwar il-kura tas-sider, is-Sur Pace qal li għalkemm jaqbel li għandha ssir d-diskussjoni dwar dan is-suġġett, iħoss li dan is-suġġett jikkonċerna s-saħħa u attivita' bħal din taqa' taħt il-kompetenza tas-Sotto Kumitat tas-Saħħa. Is-Sinjura Calleja qalet illi fl-opinjoni tas-Sotto Kumitat dan hu suġġett li jolqot l-aktar lin-nisa u għalhekk inħasset il-ħtieġa li s-Sotto Kumitat itella' din id-diskussjoni. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Catania, il-Kunsill qabel bi tmien voti favur u vot kontra li din id-diskussjoni għandha ssir mis-Sotto Kumitat għall-Familja.

Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sur Pace talab li jkun skuzat.

Rigward l-attivitajiet l-oħra dwar il-promozzjoni tas-Saħħa, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar qabel li l-attivitajiet proposti għandhom isiru mis-Sotto Kumitat tas-Saħħa u mhux mis-Sotto Kumitat għall-Familja.

Wara li l-Kunsill ħa dawn id-deċizjonijiet il-minuti tas-Sotto Kumitat tan-Nisa u Tfal ġew approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku u Trasport Pubbliku. Dwar is-suġġeriment biex Triq il-Bur issir *one way* is-Sindku ppropona li l-ewwel għandhom jiġu kkonsultati r-residenti taż-żona. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici, li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Grech talab li jiġi skuzat.

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat Ġemellaggi, Skambji u Indafa Pubblika. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici, li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg. Dwar is-suġġeriment għan-nominazzjonijiet tas-Sur Wilhelm Spechardt għal Gieħ Ħaż-Żabbar u tas-Sur Gerhard Raiss għaċ-Ċertifikat ta' Ħajr, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Catania qabel unanimament li dan għandu jiġi diskuss meta dan is-suġġett ikun fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill u ssir l-għażla għaż-żewġ onorifiċenzi.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija G M Productions fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi s-Sinjorina Elysia Pace kienet ser tirrappreżenta lil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar fil-kompetizzjoni Miss Malta li ser issir nhar it-Tlieta, 3 ta' Novembru, 2009. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jagħti *recognition award* lir-rapprezentanta Żabbarija liema spiza tammonta għal €66.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-bilanċ tal-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) u *Environment Initiatives in Partnership Programme* (EIPP) sa tmiem Awwissu 2009 kien ta' €16,981 u €98,607 rispettivament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar 'MOC *Sports Awards'* li ser isiru f'Diċembru 2009. Il-Kunsill ġie mistieden jorganizza xi attivita' sportiva biex ikun jista' jiġi nominat għal wieħed minn dawn l-*awards*. L-informazzjoni dwar l-attivita' li tkun ser tittella mill-Kunsill għandha tintbgħat mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2009.

Tressaq id-dokument mibgħut mill-Eċċellenza Rev.Ma Monsinjur Pawl Cremona O.P, Arċisqof ta' Malta dwar Iċ-Celebrazzjoni tal-Festi Titulari, sekondarji u oħrajn relatati fil-Knejjes Parrokkjali u Knejjes oħra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Greenpak* fejn bagħtet abbożż tal-Kuntratt dwar proġett pilota ta' tqegħied ta' reċipjenti għas-separazzjoni ta' l-iskart fil-Qasam tad-Djar, Buleben iz-Zgħir u f'Tal Plier. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat dan il-ftehiem.

Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sur Buttigieg u s-Sur Catania talbu li jkunu skużati.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Settembru, 2009 u l-21 ta' Ottubru, 2009 li kien jammonta għal €92,733.54. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Awwissu 2009 li kien jammonta għal €63.43. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għall-Indafa u Żamma ta' Latrini Pubbliċi kien ser jagħlaq u dan il-kuntratt ma jistax jiġġedded. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa oħra għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-permess biex isir *lift* fiċ-Ċentru Ċiviku kien ġie approvat mill-MEPA.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa ukoll illi l-Kunsill kien ser jingħata €4800 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex isiru l-alterazzjonijiet għal dan il-*lift* taħt l-iskema Aċċessibilitia' Aħjar fil-Lokalitajiet.

Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill jikteb lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said fejn jesprimi d-dizappunt tiegħu għall-fatt illi l-Kunsill kien ser jingħata somma ta' flus zgħira meta wieħed iqis l-ispiza biex isir ix-xogħol, l-ammont ta' fondi li kien eleġibbli għalih il-Kunsill kif ukoll il-fatt li hemm Kunsilli oħra li ngħataw ħafna aktar milli kien ser jieħu l-Kunsill tagħna. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat din l-ittra.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Pisani tkellem dwar il-laqgħa li flimkien mas-Sindku kellhom mal-organizzazzjoni *Dog Trust* u l-SPCA biex jipprovdu servizz għall-klieb privati. Is-Sur Pisani qal li kien se jinvolvi lis-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto u lis-Sinjura Alison Agius biex jgħinuh f'din il-kampanja favur l-annimali.

Is-Sur Pisani qal li hu kien se joffri s-servizz tiegħu darba fil-ġimgħa għal residenti li għandhom xi ħtiġijiet soċjali. Dan kien ser jibda jagħmlu kull nhar ta' Tlieta bejn nofs in-nhar sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar fil bini tal-Kunsill.

Is-Sur Buhagiar qal li f'laqgħa li kellu mal-*Headmistress* ta' Skola B kien intalab biex l-istudenti jkunu jistgħu jerġgħu jibdew jużaw *is-synthetic pitch* tal-*playing field.*

Huwa qal li l-*Headmistress* uriet ix-xewqa li jkunu l-għalliema stess li jagħżlu l-kotba li jingħata mill-Kunsill fil-*Prize Day*. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sindku, l-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dawn it-talbiet li saru.

Is-Sur Buhagiar qal li kien intalab mill-*Headmistress* biex il-Kunsill jgħin tmint itfal bi bżonnijiet speċjali li jattendu l-Iskola B billi jipprovdilhom transport biex jingħataw *special theraphy* mill-Fondazzjoni *Inspire.* Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi dan it-transport.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kap tal-Iskola A talab li l-Kunsill jipprovdi *bin* tal-kompost għall-iskola. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jiġi provdut dan il-*bin.*

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jilqa' it-talba tas-Surmast ta' l-Iskola A biex isiru sinjali f'post li jservi għal rikreazzjoni fl-iskola. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici qal li fi Triq il-Ġizimina hemm karozza ta' tip Skoda li tħalliet abbandunata.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li tiġi rranġata l-kumplament tal-bankina fi Triq Felice.

Is-Sindku semma l-ħtieġa li Triq iċ-Cimiterju tingħata t-tarmak mil ġdid wara li tissolva l-problema tad-drenaġġ li hemm f'parti minn din it-triq.

Is-Sur Buhagiar talab li ssir kurduna ġdida fil-parti ta' fuq ta' Triq iċ-Ċimiterju.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-362 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2009.

Domenic Agius
Sindku

ŻABBAR
*Città Hompesch*

5 ta' Novembru 2009

Għażiż Sindku / Kunsillier

Nixtieq ninfurmak illi t-362 laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar il-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2009 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**<u>Agenda</u>**

1) Attendenza u apoloġiji
2) Approvazzjoni tal-minuti
3) Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti
4) Minuti tas-Sotto Kumitati
5) Korrispondenza
6) Xogħol tal-Kunsill:
    - Approvazzjoni ta' finanzi
    - Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Lulju – Settembru 2009)
    - Mozzjoni proposta mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Bonnici rigward tibdil fil-*policy* dwar *road humps* fit-toroq
    - Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr
    - Nominazzjonijiet għal Premju Ċittadin tas-Sena 2008
1) Affarijiet oħra
2) Aġġornament

Inselli għalik

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv